MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 106/2013

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Michelle Mangion**
**ID-336684(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-istess Awtorita' attrici s-somma ta' hames mija wiehed u erbghin ewro u zewg centezmi (€541.02c), rapprezentanti d-danni u l-hsara kkawzati mill-konvenuta fit-28 ta' Gunju, 2011 li waqt li kienet qed issuq il-vettura GAE-852 habtet gol-*kerbs* li jinsabu gewwa Triq Dun Karm, Birkirkara. Illi ghal dawn id-danni u hsara hija responsabbli l-konvenuta kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffikuu tal-vetturi bil-mutur. Illi minkejja

diversi interpellazzjonijiet, il-konvenuta baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 3 ta' April, 2012, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-incident in kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u ghalkemm dehret ghal seduta li nzammet quddiem it-Tribunal, hi ma kkontestax li l-ammont huwa dovut minnha.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' hames mija wiehed u erbghin ewro u zewg centezmi (€541.02c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------